11 ta' April, 1945.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

**Carmelo Agius** *versus* **Giovanni Xuereb**

**Lokazzjoni — Kondizzjoni — Obligazzjoni "a termine" — Konġedo.**

*Jekk l-inkwilin jiġi mitlub biex joħroġ u jirrispondi lill-lokatur li "meta jsib joħroġ", jiġi li aċċetta l-konġedo u ta lok għax-xoljiment tal-lokazzjoni. Din l-aċċettazzjoni ma tammontax għal kondizzjoni, imma għal obligazzjoni "a termine"; u għalhekk ma jistax jippretendi li qabel ma jsib ma joħroġx, imma l-Qorti tiffissalu żmien għall-iżgumbrament.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut sabiex jiżgombra l-fond nru. 23, Mamo Street, Żebbuġ, li tiegħu spiċċat il-lokazzjoni fil-15 ta' Diċembru 1944 billi l-konvenut aċċetta l-konġedo lilu mogħti mill-attur, li jrid il-fond għal ibnu Giuseppe Agius; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-6 ta' Marzu 1945, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż u

tat żmien ta' tliet xhur lill-konvenut biex jiżgombra; wara li kkunsidrat;

*Illi* mill-provi ta' l-attur il-kondizzjoni jew obligazzjoni *għat-terminu* rriżultat *għas-soddisfazzjon* tal-*Qorti*;

**Rat in-nota ta' l-appell tal-*konvenut* u *ċ-ċitazzjoni* tiegħu fejn talab ir-revoka ta' dik is-*sentenza* u li jiġu respinti t-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż;**

*Omissis;*

**Tikkunsidra;**

*Illi* **rriżulta** mix-xhieda **ta'** l-istess **appellant** quddiem din ***il-Qorti* li huwa kien** *qal* **lill-attur, jew** ***lit-tfal tiegħu meta*** **dawn għan-nom ta'** missierhom **talbuh biex *joħroġ*, illi huwa** "meta jsib joħroġ". **L-appellant fit-trattazzjoni ta' dan l-appell** issottometta illi dik l-espressjoni **mhix ħaġ'oħra ħlief** sinjal ta' *ġentilezza* li l-appellant wera versu l-attur, fejn **minflok** qallu *li ma* jridx jaċċetta dik it-talba uża espressjoni *ta' korteżija.* ***Iżda* dana** huwa *inaċċettabili*, **għax kulħadd** *jaf* jew **għandu jkun preżunt** li *jaf* ***id-drittijiet tiegħu.*** **Lanqas jista'** **jingħad, kif ġie** ritenut minn **din** *il-***Qorti f'kawża** simili, illi **dik l-aċċettazzjoni** *saret bi* **żball għaliex huwa ma kienx jaf** illi **seta'** imur **quddiem** il-Board **tal-Kera u jirreżisti** t-talba *ta'* l-attur, għax l-appellant stess qal illi **huwa kien** *jaf* *illi* ***seta'*** *jirrespinġi* ***dik*** *it-talba* u ***jobliga lill-attur imur quddiem*** **il-Board tal-Kera;**

**Tikkunsidra;**

**Illi għalhekk** dik l-espressjoni "**meta nsib noħroġ**" **għandha** jkollha l-portata **tagħha** *ġuridika.* **Kondizzjoni** mhijiex, **għax** din hija avveniment futur u nċert, u **għalhekk** ikun jista' *jiġri* u jista' ma jiġrix; mentri huwa inaċċettabili *li jingħad li* l-appellant jista' ma jsib *qatt fejn imur*, u ***allura dak*** l-avveniment jista' ma jiġri qatt, **ħaġa** *li tavviċina ruħha* **għall**-assurd **għax** tiġi l-*konsegwenza* illi **barra** minn **dan** il-**post** l-appellant ma jista' qatt isib fejn imur. **Għalhekk dik** l-espressjoni **għandha tfisser** obligazzjoni "**a termine**". **B'analoġija** *nsibu* fl-art. **784 ta'** l-**Ord. VII ta'** l-**1868 illi meta** *ż-żmien* *għall-eżekuzzjoni ta'* l-obligazzjoni **jkun** *rimess* ***għall-volontà*** *tad-debitur*, jew ikun mifhiem *illi d-debitur jeżegwixxi* l-

obligazzjoni meta jkun jista', jew meta jkollu l-mezzi, allura jkunu osservati r-regoli hemm stabbiliti, u ċjoè meta l-oġġett ta' l-obligazzjoni ma tkunx somma ta' flus, iż-żmien jiġi stabbilit mill-Qorti. F'dawn il-każijiet, kif inhu l-każ in kwistjoni, l-obligazzjoni tkun żgura fl-eżistenza tagħha, iżda l-kwistjoni tkun qiegħda kollha fuq iż-żmien. Il-Laurent (Diritto Civile, Vol. XVII, nru. 175), jikkommenta dispożizzjoni simili għal dik tagħna u jgħid :— "Il debitore ha promesso di eseguire 'quando lo potrà', quando cioè la sua posizione glielo permette; la qual cosa non vuol dire che fosse libero di non pagare; interpretare a questo modo la clausola sarebbe rendere illusoria la convenzione; ed è principio di diritto che le clausole dubbie debbono essere interpretate nel senso in cui possono avere un effetto, piuttosto che nel senso in cui non ne possono avere alcuno";

Tikkunsidra;

Illi mbagħad ġie anki ppruvat illi l-attur kien qal lill-konvenut b'post f'Ħaż-Żebbuġ, Sda. Mula, xi tliet xhur qabel ma kien ħadu l-Protection Officer, u għalhekk l-appellant seta' għamel immedjatament il-proċedura meħtieġa mas-sid f'dak iż-żmien qabel ma ħadu dak l-uffiċjal għar-rifuġjati; iżda l-appellant qal li ma kienx tajjeb għalih, għalkemm in-nies li ħaduh huma iżjed numerużi mill-istess appellant, li huwa u l-mara biss;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant; iż-żmien prefiss f'dik is-sentenza jibda jgħaddi mil-lum.